**Kunsill Lokali Marsaskala**
228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,

E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **16** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar it-**Tlieta 7 ta' Diċembru 2010 fis-6.00pm.**

# It-Tielet Seduta

| Preżenti | Membri |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Vici Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Jesmond Mugliette<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur George Farrugia |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużati | Is-Sur John B.Camilleri<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Carmen Fearne |

## Aġenda (InterOffice Memo No 10/06)

3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
8. Mozzjonijiet.
9. Aġġornament.

A. Awtorizazzjoni tal-ħlasijiet

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill (Cont....)***

3.12 **Korrispondenza mis-Sur Joseph Salerno:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur Joseph Salerno talab lill-Kunsill sabiex jibda juża l-uffiċċini tal-Kunsill għall-laqgħat ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kondominji, għax fil-preżent m'għandux post ieħor fejn jagħmel dawn il-laqgħat.

Is-Sur Joseph Salerno qal li l-Kumitat se jkun iffurmat minn erba` persuni li huma s-Sur Joe Pavia, s-Sur Alfred Debono, s-Sur John Mifsud u huwa stess.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni, basta dawn il-laqgħat isiru fil-ħinijiet li jinfetaħ l-uffiċċju tal-Kunsill.

❖ ***Matters Arising:***

**Coffee Morning għall-Anzjani tal-Milied:**

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill fejn ressaq tliet kwotazzjonijiet għal bejn 80 u 100 ruħ għall-*Coffee Morning* għall-Anzjani tal-Milied li se jsir nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru, 2010 fis-sala tal-Kappillan b'€3.00 għall-persuni mingħajr Kartanzjan u €2.00 għall-persuni bil-kartanzjan.

| | |
|---|---|
| Mannarinu Confetionery | €1.10 inkluż VAT (mingħajr waiters u helpers) |
| Neriku Confectionery | €1.30 inkluż VAT (mingħajr waiters u helpers) |
| James Confectionery | €2.55 inkluż VAT (mingħajr waiters u helpers) |
| Helpers tal-Knisja | €2.50 inkluż VAT (bil-waiters u helpers u s-sala inkluża) |

Il-Kunsill qabel unanimament li nqabdu lill-Helpers tal-Knisja.

3.13 **Żieda ta' increment fl-Iskala tas-Sinjura Rebecca Micallef:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li peress li s-Sinjura Rebecca Micallef qed taħdem bit-*teleworking*, iċċekja mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn qalulu li xorta għandha tieħu l-*increment*, pero` jinħadem bil-pro-rata skond is-siegħat li taħdem.

Il-Kunsill qabel li s-Sinjura Rebecca Micallef minn effett 1 ta Ottubru 2010 se titla għal Skala 11 Point 4.

3.14 **Artiklu li deher fil-MaltaToday tal-Ħadd 7 ta Novembru 2010:**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill fis-7 ta Novembru, 2010 deher artiklu fuq il-gazzetta MaltaToday fejn qed jaqra l-kwistjoni li kellna mad-Dipartiment rigward il-flus li nqatgħu mill-Kunsill rigward il-bibita` tal-Milied kif ukoll l-ikla tal-Kunsill bil-*partners*.

Is-Sindku qal li kien kellem telefonikament lis-Sur Martin Bugelli d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn kien qallu li għal din is-sena din il-bibita` tista` ssir għall-helpers tal-Kunsill minħabba li l-memo inħarġet wara li l-Kunsill kien iċċelebra Jum il-Lokalita`, kif ukoll l-ikla tal-Kunsilliera għandha ssir mingħajr *partners*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qiegħed jistenna li jkollna risposta bil-miktub li nistgħu nagħmlu dan mid-Direttur Ġenerali.

3.15 **Applikazzjoni mil-Gal Xlokk dwar ESF Courses (35/6485/10/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Gal Xlokk kien bagħatilna e-mail dwar *ESF Courses* li se jiġu offruti lir-residenti u li l-*Project Leader* se jkun il-Kunsill ta Hal Kirkop. Dawn il-korsijiet se jkunu simili ta' dawk il-korsijiet li kellna *Opportunities Close to Home.*

Il-Kunsill approva li jipparteċipa għal dawn il-korsijiet peress li aħna nagħmlu parti mill-Gal Xlokk.

3.16 **Parteċipazzjoni mill-Kunsill fl-applikazzjoni għal-*Volunteering Project* taħt l-iskema Europe for Citizens Programme 1.2:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill *volunteering project* li se jkunu jikkonsistu fuq 3 *workshops* li se jsiru tnejn minnhom f'Awissu 2011 u l-ieħor f'Mejju 2012.

Il-Kunsill approva li dan il-Kunsill Lokali għandu jipparteċipa bl-għajnuna tad-D. Consulta.

3.17 **Marsaskala Road Running Night (35/6471/10/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur Matthew Pace tal-MAAA bagħat *email* fejn qed jinforma lill-Kunsill li se tiġi organizzata *Road Running Night* nhar il-Ġimgħa 15 ta' April, 2011 fejn talab l-għajnuna tal-Kunsill biex tiġi organizzata din l-attivita`.

Il-Kunsill approva unanimament li għandha ssir ġo Triq ix-Xatt fejn għandna nagħlquha għat-traffiku u nagħmluha kollha fjakkoli.

❖ ***Matters Arising:***

**Xogħol li qed isir fuq il-bridge ta' Pjazza Dun Tarċis Aġius:**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li x-xogħol li kellu jsir fi Pjazza Dun Tarċis Aġius sabiex innaqqsu milli jidħol dak l-ilma baħar fil-pjazza beda billi l-ewwel ġew ibblukkati t-tliet passaġġi minn fejn kien jidħol u joħroġ l-ilma baħar u tax-xita biex wara jinfetħu kanali żgħar biex b'hekk il-kurrent ta' l-ilma baħar jidħol b'ritmu inqas mgħaġġel. Hu qal li min-naħa tat-triq se jinbena ħajt fejn hemm dik il-mina żgħira taħt il-promenade u jinfetħu tliet toqob fiha ta' pied u nofs il-waħda u jsiru *covers* ta' *l-istainless steel* magħhom biex jinfetħu u jingħalqu manwali skond il-ħtieġa. U dan ifisser li meta ma jkunx hemm xita jibqgħu magħluqin biex ma jidħolx l-ilma baħar u meta tkun ix-xita jinfetħu. Din hija soluzzjoni temporanja. Kif jitlesta dan ix-xogħol wieħed jibda jaħseb biex isolvi l-problema ta' fejn il-bridge fi Pjazza Mifsud Bonnici.

3.18 **Proposta ta' one way fi Triq Ġebel Ħanxul minħabba l-exhaust, kif ukoll li ssir humpable roundabout fil-parti ta' fuq ta' l-istess triq:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li resident ressaq suġġeriment li Triq Ġebel Ħanxul issir *one way* minħabba l-*exhaust* tal-karozzi, kif ukoll li ssir humpable roundabout fil-parti ta' fuq ta' l-istess triq.

Is-Sindku qal li fuq din il-kwestjoni kien hemm diġa mozzjoni xi żmien ilu u li ġiet approvata mit-TM. Il-Kunsill għandu jsib din il-korrispondenza u jipproċedi bix-xogħol. Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ikkonferma dan.

3.19 **Sejħa għall-offerti għat-tender – Ġbir ta' Skart:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għal-attenzjoni tal-Kunsill li t-tender ta' Ġbir ta' Skart se jagħlaq fil-11 ta' Jannar 2011, fit-8.00a.m. Għall-ewwel analiżi ta' dawn it-tenders iridu jkunu preżenti żewġ Kunsilliera, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. It-tenders se jinfetħu kmieni filgħodu minħabba li għandha ssir analiżi tal-kontenut li se tieħu ħafna żmien.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li dan it-tender fih ħafna xogħol biex jiġi evalwat se jkunu preżenti it-tliet skrivani wkoll għax għandna mill-anqas tliet siegħat żgur skond kemm se jinġabru tenders. Wara jiġi maħtur it-tieni bord ta' l-evalwazzjoni.

Il-Kunsill approva li għall-ewwel analiżi ġew maħtura ż-żewġ kunsilliera u se jkunu s-Sindku u l-Kunsillier Jesmond Mugliette.

3.20 **Server għall-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li jinxtara *server* għall-użu amministrattiv. L-istima ta' dan is-*server* hija ta' €875.00 inkluż il-VAT għas-*server* u €195.00 inkluż il-VAT għall-installazzjoni u jinxtara mingħand C-Planet IT Solutions Ltd, liema *server* installaw bħalu f'Kunsilli Lokali oħra.

Il-Kunsill approva unanimament li jinxtara dan is-*server*.

3.21 **GM tad-Douzelage ġewwa Granville (35/6822/10/I):**

Il-Kunsill approva unanimament li għal din il-laqgħa ġenerali tad-Douzelage li ssir ġewwa Granville mis-26 sad-29 ta' Mejju 2011 se jattendu s-Sindku u l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Sandro Gatt. Il-Kunsill qabel ukoll li nħallsu l-vjaġġ lil żewġ żgħażagħ li se ġġib l-ismijiet tagħhom il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne. Il-Kunsill se jħallas l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar liema persentaġġ minnhom jiġi rifuż.

3.22 **Informazzjoni rigward il-futbol grawnd u l-progress min-naħa ta' Marsaskala Football Klabb (35/6852/10/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-MFA waħħlu pilastri twal ħafna fil-grawnd ta' l-iskola u li l-proġess ta' grawnd bis-*synthetic turf* inbeda.

3.23 **Każ fil-Qorti – Kunsill vs MEPA (35/6868/10/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li ġejna nfurmati mill-Qorti li każ hawn fuq imsemmi se jidher nhar il-Ħamis 13 ta' Jannar, 2011 fid-9.00a.m.

❖ **Matters Arising:**

**Garanzija Bankarja fi Triq il-Batterija taż-Żonqor wara site inspection mal-Perit tal-Kunsill:**

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa lis-Segretarju jekk ġiex avviċinat il-propjetarju tas-sid hawn fuq imsemmi u jekk aċċettax li jħallas l-ammont li tlabnih fil-laqgħa ta' qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-sid ta' propjeta` fi Triq il-Batterija taż-Żonqor ħallas l-ammont ta' €300.00 u l-garanzija ġiet xolta.

3.24 **Road Humps fi Triq San Ġwakkin (35/6895/10/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna ittra mit-TM fit-2 ta' Novembru, 2010 fejn qed jgħidu sabiex ineħħu r-*road hump* li hemm fi Triq San Ġwakkin għax mhux qegħda skond il-liġi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skond il-liġi għanda tkun wiesgħa mhux anqas minn 6 metri u għolja mhux aktar minn 10 ċentimetri.

3.25 **Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropeja dwar Enerġija rigward il-PATT tas-Sindki li ġie ffirmat mill-Kunsill (35/6986/10/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna ittra mill-*European Commission* datata 2 ta' Novembru 2010 fejn qed jiġbdulna l-attenzjoni f'liema stadju wasalna fl-implimentazzjoni tal-bidla fil-kliema ġewwa l-lokal tagħna minn meta Marsaskala issieħbet fil-patt tas-Sindki. Jirriżulta li s'issa għadu ma sarux affarijiet kbar apparti illi għandna Ġnien Sant'Anna bit-timer li jfisser illi jixgħel u jintefa mad-dawl naturali u kien hemm il-ħsieb ukoll li jsiru xi panelli fuq is-soqfa tal-latrini pubbliċi ġewwa Żonqor Point, kif ukoll ġewwa Ġnien San Tumas. Se jiġu nstallati LED's fi Ġnien David Vella kif ukoll fi Ġnien Charles Clews ġewwa Triq is-Sibbien.

Ġie deċiż li nixtru apparat ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill liema apparat jagħti rendikont tal-konsum tad-dawl fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill u dan bħala miżura oħra inkonnessjoni mal-patt tas-Sindki.

Il-Kunsillier inkarigat minn dan il-qasam huwa l-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri.

3.26 **ECAD Membership:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna *invoice* ta' €1000.00 bħala *annual fee* għall-isħubija fl-ECAD. Is-Sindku ta' Pembroke fil-laqgħa, kif ukoll korrispondenza li kien bagħat li kellna dwar dan, kien qal li l-ammont li rridu nħallsu kull sena huwa ta' €200.00, imma ġejna nfurmati mill-ECAD li għal din is-sena nħallsu dan l-ammont, pero` għas-snin li ġejjien irridu nħallsu aktar. Is-Sindku ta' Pembroke bagħat korrispondenza li se jirranġa l-kwistjoni fil-jiem li ġejjien.

3.27 **Grupp ta' Ħaddiema mill-IPSL:**

Wara laqgħa li kellu mas-Sur Martin Stivala, s-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur Stivala qed joffri aktar ħaddiema tal-IPSL biex jagħmlu xi xogħlijiet li l-Kunsill ikollu. Aħna nipprovdu l-materjal u l-ħaddiema jagħmlu x-xogħol. Dan huwa grupp ta' nies taħt superviżjoni diretta ta' l-IPSL.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qal li l-ħaddiema iridu jkunu kompetenti u effiċjenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jistgħu jibdew billi jduru l-kurduni li hawn imkissra u jinżebħu *centre strips* madwar il-lokalita`, kif ukoll xogħlijiet oħra li ma jistgħux ilaħħqu magħhom il-ħaddiema.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.28 **Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Ħaddiema Klerikali:**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech u l-ħaddiema klerikali, Claudine Fenech, Rebecca Micallef, Lucille Bonnici, Sharon Schembri, Chantel Zammit u Claire Attard għas-sena 2010.

Il-Kunsill approva unanimament li għandhom jingħataw il-massimu tal-*Performance Bonus.*

3.29 **Żieda ta' increment fl-Iskala tas-Sinjura Sharon Schembri u s-Sinjura Claire Attard:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sinjuri Sharon Schembri u Claire Attard għandhom jieħdu ż-żieda fl-*increment.*

Il-Kunsill qabel li s-Sinjura Sharon Schembri minn effett 1 ta' Diċembru 2010 tkun Skala 15 Point 7 u s-Sinjura Claire Attard minn effett 1 ta' Jannar 2011 tkun Skala 15 Point 6.

3.30 **Sejħiet għall-Offerta għal-Qtugħ tal-Ħaxix fit-Toroq mhux Urbani KLM 2010/13 u għall-Offerta tal-Knis għat-Toroq Urbani KLM2010/12:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li se jinħarġu dawn iż-żewġ tenders hawn fuq imsemmija.

Il-Kunsill qabel li għal-Offerta Qtugħ tal-Ħaxix fit-Toroq mhux Urbani għandu jsir qtugħ ta' ħaxix biss u għall-offerta tal-Knis għat-Toroq Urbani għandu jitniżżel li dak il-ħmieġ akkumalat għandu jinġabar mill-kuntrattur tal-knis għat-toroq kollha ta' Marsaskala.

- Is-Sindku qal li Ġnien Sant'Anna inħasel bil-*power wash* għax kien hemm ħafna ħmieġ akkumulat bil-maltempata.

3.31 **Xkaffef fil-librerija:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li jinxtraw 6 xkaffef oħra għall-librerija.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.32 **Proposta għal One Way fi Triq il-Blajjiet (35/7219/10/I):**

Fuq ittra li l-Kunsill irċieva mingħand it-Trasport Malta, fejn qed titlob lill-Kunsill jagħti l-opinjoni tiegħu rigward li Triq il-Blajjiet ssir *one-way*. Is-Segretarju Eżekuttiv fihem li din kienet talba minn resident li joqgħod fl-istess triq imsemmija talab direttament lit-TM u TM talbuha l-opinjoni tagħna.

Il-Kunsill approva unanimament li din it-triq tibqa` kif inhi u għalhekk ma' jaqbilx mal-proposta.

3.33 **Premju National Enterprise Support Awards:**

Is-Segretarju Eżeuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill Lokali Marsaskala rebaħ it-tielet post għal dan il-premju u ħa s-somma ta' €5000.00. Din kienet skema min-naħa tal-Ministeru tal-Finanzi responsabbli flimkien mas-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

***Matters Arising:***

❖ **Premju tal-Isports:**

Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li hu kien attenda għall-*Maltese Olympic Committee Award* fejn il-Kunsill tagħna ġie fit-tielet post u tawna *trophy.*

❖ **Video tal-Avvenimenti:**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li għandna nqabdu bniedem kwolifikat li għal kull avveniment li jsir jinġibed video bħala rekordju u dan wara li għas-serata tal-Premji *National Enterprise Awards*, l-Kunsilli Lokali li ppartecipaw kollha kellhom *videos* ta' l-attivitajiet li jorganizzaw fil-lokalita`.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.34 **Stima Pedestal ta' Charles Clews:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nġabru l-kwotazzjonijiet għal dan il-pedestal hawn fuq imsemmi li huma:

| | |
|---|---|
| Lawrence Fenech | €917.00 VAT mhux inkluż |
| C & M | €663.00 VAT inkluż |

Il-Kunsill approva unanimament li nqabdu lil C & M.

3.35 **Laqgħa Annwali u Budget tal-Kunsill :**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsilliera sabiex jibdew jippreparaw ir-rapport annwali tagħhom għax f'Jannar-Frar issir il-laqgħa Annwali tal-Kunsill, filwaqt li huwa kien se jieħu ħsieb li jipprepara l-budget flimkien ma' l-*Acountant* tal-Kunsill

3.36 **M.Quipp:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li peress li fil-bandli Ġnien David Vella ma twaħħlux il-bandli kollha li kien hemm ordnati tlabna lill M.Quip sabiex iwaħħalhom fi Pjazza Mifsud Bonniċi temporanjament, ġejna mitluba minn M.Quipp is-somma ta' €660.00 għat-twaħħil ta' l-istess *swings*.

8.0 ***Mozzjonijiet:***

8.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur George Farrugia (#231-8/11/10):**

*"Jipproponi sabiex fi Triq iż-Żafran fejn diġa hemm tabella tal-klieb din tersaq fejn jara kulħadd iġifieri faċċata ta' fejn hemm il-parti vojta u jsir bin taħta".*

Il-Kunsill approva unanimament.

8.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur George Farrugia (#232-8/11/10):**

*"Jipproponi sabiex fit-tarf tat-triq iż-Żafran hemm bżonn li titwessa l-biċċa d-dejqa".*

Il-Kunsill qal li fuq din il-kwistjoni kien hemm diġa applikazzjoni lit-TM.

8.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur Jesmond Mugliett (#233-9/11/10):**

*"Jipproponi li niktbu lill-Cleansing Department fejn nitolbuwom jagħmlu bins fejn il- Bus Stops u Bus Shelters fil-Bypass ta' Marsaskala".*

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett li dawn il-bins diġa twaħħlu mil-*Cleansing Department.*

8.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#234-10/11/10):**

*"Jipproponi li nagħmlu żewġ bins madwar it-dħul ta' l-iskola primarja. Dan peress illi m'hemmx fejn jarmu min ikun jistenna barra".*

Il-Kunsill approva unanimament.

8.5 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#235-10/11/10):**

*"Jipproponi li nirranġaw bankina li mhux qegħda fi stat tajjeb fi Triq id-Dolmen, din tibda min Triq il-Majistral u iddur lejn Triq id-Dolmen, madwar 25 Metru ".*

Il-Kunsill approva unanimament.

8.6 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#236-10/11/10):**

*"Jipproponi li qudiem Sub Station Fi Triq San Luqa naghmlu No Parking Loading/Unloading only bejn 07:00 sa 16:00".*

Il-Kunsill approva li nsaqsu aktar informazjoni lill-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri.

8.7 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#237-10/11/10):**

*"Jipproponi li naghmlu belisha lights kif suppost fiz-Zebra Crossing ta' fejn jibda il- Bridge ta' quddiem Grabiel Restorant meta tkun ġej min Triq il-Marina".*

Il-Kunsill approva unanimament.

A. ***Awtoriżazzjoni tal-Ħlasijiet:***

**Ħlasijiet bi Kreditu:**

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagamenti.

| •Contracts Manager report available. | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | ***Suppliers*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | ***Amount on Invoice €*** | ***Amount to be paid €*** |
| 1 | **Mr.Anglu Grech** | Bricks | 26/11/10 | 2440 | 90.27 | 90.27 |
| 2 | **M.Quip Co Ltd** | Supply and fit swing and seat 2nd part payment | 20/09/10 | 23037 | 2648.80 | 955.80 |
| 3 | **D-Consulta Ltd** | Application Fee Symbol of starrs in our educational system | 22/10/10 | 683 | 227.00 | 227.00 |
| 4 | **D-Consulta Ltd** | Application Fess Prisons and volunteering | 18/11/10 | 708 | 227.00 | 227.00 |
| 5 | **Image Systems Ltd** | Photocopier | 31/10/10 | RENT/043312 | 51.94 | 51.94 |
| 6 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings as oer job sheet 10162 | 15/11/10 | 13924 | 465.71 | 465.71 |
| 7 | **Golden Gate Co.Ltd** | Stationery | 22/11/10 | 260000 | 113.49 | 113.49 |
| 8 | **Golden Gate Co.Ltd** | Stationery | 22/11/10 | 360045 | 116.76 | 116.76 |
| 9 | **Med Design Associates** | Professional Fees pavement works in Triq iz-Zonqor | 18/11/10 | 30004773 | 91.15 | 91.15 |
| 10 | **Med Design Associates** | Professional Fees pavement works in Triq il-Qaliet | 18/11/10 | 30004772 | 107.37 | 107.37 |
| 11 | **Med Design Associates** | Professional Fees pavement works in Triq Guzeppi Spagnol | 18/11/10 | 30004771 | 78.84 | 78.84 |
| 12 | **Coleiro General Supplies Ltd** | Road Markings Paint | 23/11/10 | 222934 | 290.59 | 290.59 |
| 13 | **Bitmac (Works) Ltd** | 50 Bags instant road repair | 22/11/10 | 12431 | 192.34 | 192.34 |
| 14 | **Home & Industry Supplier Ltd** | Yacht varnish & dog litter bin | 13/11/10 | 1808 | 501.40 | 501.40 |

| LISTA TA' ĦLASIJIET ADDIZJONALI – 7/12/10 #16(3) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Signs no2036 | 05/11/10 | 13963 | 452.20 | 452.20 |
| 16• | **Environmmental Landscapes Consortium Ltd** | Parks & Gardens October 2010 | 31/10/10 | 6668 | 1543.75 | 1543.75 |
| 17 | **Jon David** | Marsaskala Flags | 26/11/10 | 1198597 | 582.92 | 582.92 |
| 18 | **Hempel (Malta) Ltd** | Paint | 02/12/10 | 112880 | 130.98 | 130.98 |
| 19 | **Mrs. Alexandra Galea** | 9 craft lessons | 01/12/10 | | 325.00 | 325.00 |
| 20 | **Sound Vision Print Ltd** | Advert for Tender KLM2010/11 | 30/11/10 | 13151 | 105.63 | 105.63 |
| 21 | **Avantech Ltd** | FSMA for Photocopier | 29/11/10 | 140185 | 133.33 | 133.33 |
| 22 | **Avantech Ltd** | Toner (Eco Tax) | 02/12/010 | 140412 | 2.75 | 2.75 |
| 23• | **Mr.Ronald Bezzina** | Bulky Refuse November 2010 | 30/11/10 | 14 | 1415.03 | 1415.03 |
| 24• | **Mr.Ronald Bezzina** | Street Sweeping & Grass Cutting in Non Urban | 30/11/10 | 35 | 3577.53 | 3577.53 |
| 25• | **Mr.Ronald Bezzina** | Tindif ta' terrapin u imbarazz hdejn is-Substation fi Triq il-Granmastri | 30/11/10 | 37 | 50.00 | 50.00 |
| 26• | **R&A Waste Service Ltd** | Refuse Collection for November 10 | 30/11/10 | 8566 | 9779.23 | 9749.55 |
| 27 | **ELC** | Parks & Gardens November 2010 | 30/11/10 | 6753 | 1543.75 | 1543.75 |
| 28 | **Mr. Carmel Cassar** | Fuel Expenses December 2010 | 09/12/10 | | 21.00 | 21.00 |
| 29 | **Jon David** | Flags | 26/11/10 | 1198597 | 582.92 | 582.92 |
| 30 | **Acc, Cleansing Services Dep** | Public Conveniences - November 2010 | 02/12/10 | MLC/10/ 110557 | 634.01 | 634.01 |
| 31 | **Go plc** | Telephone Bills 21632861, 21633887, 21637171 | 05/12/10 | 24815601 | 354.80 | 354.80 |
| 32 | **Go plc** | Telephone Bills 21637744 | 05/12/10 | 24815603 | 22.93 | 22.93 |
| 33• | **Polidano Brothers** | Construction of public garden in Triq is-Sibbien 4th part payment | 07/12/10 | | 28633.31 | 23300.73 |

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

- Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li fl-10 ta' Ġunju ħriġna pagament ta' €123.90 lill-Advanced Tele. Co. Ltd. għall-batterija tal-laptop tas-Sindku.

  Dan iċ-ċekk ġie kkanċellat minħabba li l-problema xorta waħda ma ġietx solvuta.

A.1 **<u>Ħlasijiet b'urġenza:</u>**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| • Contracts Manager report available. | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | ***PAGAMENTI*** | ***Contracts*** | ***Invoice Date*** | ***Inv No*** | ***€*** |
| 1 | **Kunsill Lokali Marsaxlokk** | Refund of contravention number 194-21224-9 | 22/11/10 | | 23.29 |
| 2 | **Honey Corner Too** | Food for Council Meeting | 22/11/10 | | 28.71 |
| 3 | **Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** | Tigdid tal-polza ta'l-assigurazzjoni minn 1/1/11-31/1/11 | 23/11/10 | | 63.00 |
| 4 | **Summer Nights** | Helpers re activity Community Chest Fund | 23/11/10 | | 16.95 |
| 5 | **Mr.Kevin Attard** | Delivery of library shelve to Marsaskala Library | 24/11/10 | | 120.00 |
| 6 | **Mr. Mario Calleja** | Honoraria-November 2010 | 26/11/10 | | 795.50 |
| 7 | **Segretarju Eżekuttiv** | Salary November 2010 | 26/11/10 | | 1794.12 |
| 8 | **Impjegat C** | Salary November 2010 | 26/11/10 | | 1006.98 |
| 9 | **Impjegat D** | Salary November 2010 | 26/11/10 | | 905.22 |
| 10 | **Impjegat E** | Salary November 2010 | 26/11/10 | | 466.13 |
| 11 | **Impjegat F** | Salary November 2010 | 26/11/10 | | 1,248.85 |
| 12 | **Impjegat H** | Salary November 2010 | 26/11/10 | | 872.28 |
| 13 | **Impjegat I** | Salary November 2010 | 26/11/10 | | 988.70 |
| 14 | **Mr.Aldo Grech** | Reimburesement for VRT-Van | 26/11/10 | | 26.32 |
| 15 | **Untours** | Insurance comprehensive for van | 26/11/10 | | 475.00 |
| 16 | **C.I.R** | FS5-November 2010 | 26/11/10 | | 2215.64 |
| 17 | **Mr.Enzo Cachia** | Proof Reading of Magazine No 4 | 26/11/10 | | 50.00 |
| 18 | **Mr. Chris Cachia** | Professional Services regarding compliance Documents of Marsaskala Library | 26/11/10 | | 75.00 |
| 19 | **Eco Pure** | Water Bottles 52+8 free | 29/11/10 | | 221.00 |
| 20 | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 01/12/10 | | 50.00 |

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

## 9.0 <u>Aġġornament:</u>

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal data oħra u spiċċat fit-7.45p.m u l-laqgħa li jmiss se tkun nhar il-Ħamis 13 ta' Jannar fis-6.00p.m

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku